**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 24 ta' Frar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 612/2024 JPG**

**Kawza nru.: 20**

**AC U CM**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 5 ta' Dicembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Ir-rikorrenti zzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa l-Parrocca ta' San Pawl Nawfragju, Il-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A' u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, BMC li twieled f' X u li llum huwa minorenni.*

*Ir-rikorrenti jippremettu illi l-kura u l-kustodja tal-imsemmi BMC hija wahda kongunta bejniethom.*

*Ir-rikorrenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr. Kathleen Sare' fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.*

*Hekk kif inhu indikat fil-kuntratt sopra citat, ir-rikorrenti ilhom jghixu de facto separati minn l-ewwel(1) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021).*

*Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikrorenti stante illi minbarra li ilhom ghal iktar minn tliet (3) snin jghixu mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*Il-manteniment illi qieghed jithallas versu l-bzonnijiet tal-minorenni BMC huwa wiehed adegwat, u l-att ta' separazzjoni qieghed jigi osservat fl-intier tieghu, u lanqas ma hemm arrettrati jew pendenzi ta' manteniment.*

*Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn ir-rikorrenti AC u CM ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru bid-divorzju tar-rikorrenti AC u CM biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC xehdet (vide affidavit fol 16)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u li minn dan iz-zwieg twieldet tifel li illum ghadu minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat (7) sebgha ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fl-atti tan-Nutar Dr Kathleen Sare'. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Huma t-tnejn ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin.

**CM xehed (vide affidavit Fol 17)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

*iehor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016)  liema zwieg jgib certifikat numru 1542/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Kathleen Sare' nhar s-7 ta' Jannar 2022 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1542/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**